# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)

**Każ numru 23/2019 (SG)**

**Il-Pulizija**

**versus**

**Emman Xerri**

**Illum 10 ta' April, 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Emman Xerri ta' 29 sena, detentur tal-karta tal-identità numru 41289G li permezz tagħhom ġie akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) u fix-xhur ta' qabel:-

1. Kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (A.L. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta'

Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

2. Ikkommetta dwar ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Rat** l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esibiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), a fol. 8 tal-atti proċesswali maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

**Rat** id-Digriet ta' Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri ta' nhar is-sebgħa (7) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta;

**Semgħet** fl-udjenza ta' nhar it-tnejn (2) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terġa' tisma' lix-xhieda li kienu diġà xehdu, u l-provi li kienu miġjuba f'dawn il-proċeduri qabel ma din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

**Rat** illi fl-udjenza ta' nhar it-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet;

**Rat** li fil-ħamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), il-Prosekuzzjoni irtirat it-tieni akkuża mressqa fil-konfront tal-imputat;

**Rat** illi fl-udjenza ta' nhar il-ħamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), id-difiża talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex tressaq il-provi relattivi;

**Rat** illi permezz ta' digriet datat sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta rriferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga;

**Rat** in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ta' nhar it-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), minn fejn jirriżulta li l-Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat, u għalaq il-każ tiegħu b'suċċess;

**Semgħet** id-depożizzjoni tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ta' nhar it-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), u rat li ma kinitx tirriżulta l-ħtieġa li din il-Qorti ssejjaħ kawżi oħra rigwardanti l-imputat;

**Rat** il-fedina penali tal-imputat ippreżentata mill-ispettur Keith Xerri waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Frar elfejn u ħamsa u għoxrin (2025);

**Rat** it-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda mismugħa quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta;

**Semgħet** ix-xhieda kollha li tressqu quddiemha;

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti;

**Semgħet** it-trattazzjoni finali;

**Ikkunsidrat:-**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:-

**Il-Kuntistabbli Joseph Portelli** xehed illi nhar il-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), kien flimkien ma' PC 1384 u PS 175, u kellhom mandat maħruġ mill-Maġistrat Doreen Clarke rigward traffikar ta' droga minn Emman Xerri. Għall-ħabta tas-siegħa nieqes għaxra (12:50) innotaw lill-imputat ħiereġ mid-dar tiegħu fit-triq Dun Karlu Zimech, in-Nadur, flimkien mal-partner tiegħu Sophie Mercieca; u dawn saqu fid-direzzjoni tal-Imġarr, fejn ipparkjaw il-vettura fi Triq Martinu Garces, Għajnsielem. Dan spjega li tawhom ċans joħorġu mill-vettura u marru fuqhom biex iwaqqfuhom. L-imputat, kif induna li kienu pulizija, telaq jiġri. Spjega li l-imputat twaqqaf ftit 'il bogħod, u meta saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu, ġew elevati sitt (6) pakketti bit-trab abjad suspettati kokaina minn ġol-but ta' wara. Spjega li Emman Xerri ġie informat li kien qed jiġi arrestat, u ngħata d-drittijiet tiegħu. Kompla jixhed li l-pulizija elevaw mobile phone tal-għamla Samsung, kif ukoll fittxew fil-vettura minn fejn elevaw tmint (8) iqratas oħra bi trab abjad suspettat kokaina.

L-Ufficjal tal-Pulizija PC 138 Joseph Portelli spjega li huma marru fir-residenza tiegħu n-Nadur, u sabu kaxxa tal-ħadid bajda fuq il-mejda tal-kċina li kien fiha miżien elettroniku diġitali, imqass, xafra, sikkina, ammont ta' boroż ġodda maqtugħin f'kantunieri. Spjega li kien hemm borża bajda b'ammont ta' sustanza bajda suspettata kokaina, kif ukoll kien hemm żewġ kitchen towels, li waħda minnhom kien fiha seba' qratas oħra bl-istess sustanza. Fuq il-bank tal-kċina, ix-xhud innota li

kien hemm blender żgħir li kien fiha xi traċċi ta' trab abjad suspettat kienet kokaina wkoll. Spjega li ġie elevat bott glutamine minn ġol-bank tal-kċina, miżien diġitali ieħor minn ġo kexxun tal-istess bank, u minn ġor-rubbish elevaw plastik illi kienet forma ta' kapsola li kien fiha wkoll trab abjad suspettat kokaina. Kompla jgħid li għamlu tfittixija fil-kamra tas-sodda tal-imputat. Minn ġol-kexxun tal-ħwejjeġ ta' Sophie, elevaw qartas ieħor bi trab abjad sospettat kokaina, u minn ġo kaxxa tal-plastik trasparenti minn fuq il-bedside table elevaw qartas ieħor li kien fih trab abjad suspettat kokaina. L-oġġetti kollha ġew imqassma f'boroż tal-evidenza kif instabu fl-istess appartament kif ukoll fuq il-persuna tal-imputat u fil-vettura.

In kontroeżami PC 138 qal li ma jafx il-piż tal-qratas. Dwar il-kapsola li sabu fir-rubbish, qal illi xi ħadd kien ħa l-kokaina minnha.

**Il-Kuntistabbli PC 1384 Felix Sammut** xehed illi l-Pulizija kellha informazzjoni li Emman Xerri kien qed jittraffika d-droga f'Għawdex. Fil-11 ta' Mejju 2019, kienu qed jagħmlu surveillance fejn raw lill-imputat ħiereġ mal-ħabiba tiegħu mill-blokka ta' appartamenti fi triq Dun Karlu Zimech, in-Nadur fejn kien qiegħed joqgħod, u saqu lejn l-Imġarr. Xehed illi l-pulizija segwewhom. L-imputat waqaf fi Triq Martino Garces, l-Imġarr, ftit 'il bogħod mit-Tmun. Stennewh joħroġ mill-vettura, u malli ħareġ, waqqfu lill-ħabiba tiegħu. PC 138 mar jiġri wara Emman Xerri. Xehed illi malli Emman Xerri induna bihom kien ħarab minn fuq il-post. Xħin il-pulizija qabdu lil Emman Xerri, għamlu tfittxija fuqu, u sabu sitt pakketti bi trab abjad suspettat kokaina. Kompla jispjega li għamlu tfittxija fil-vettura, u sabu tmien pakketti bi trab abjad suspettata kokaina. Skortaw kemm lilu kif ukoll lill-ħabiba tiegħu n-Nadur, u għamlu tfittxija fl-appartament li jinsab fi Triq Dun Karlu Zimech. Fuq mejda fil-kċina sabu kaxxa tal-landa li kien fiha miżien diġitali għadu jaħdem, żewġ kitchen paper li l-kontenut tagħhom kien ta' għoxrin (20) pakkett trab abjad suspettat kokaina kif ukoll pakkett ieħor ta' kitchen towels ta' seba' (7) pakketti suspettata li hija kokaina. Spjega li huma elevaw ukoll imqass, sikkina, xafra u glutamine, mixer b'xi traċċi, miżien diġitali li ma kienx funzjonabbli. Minn ġod-dustbin elevaw xi boroż b'kantunieri mqattgħin, u kapsoli tal-plastik li kienu miftuħin. Minn ġol-kamra tas-sodda elevaw żewġ pakketti bi trab abjad suspettata li hija kokaina. Emman Xerri kien qal li l-affarijiet huma kollha tiegħu. Kompla jgħid li l-pulizija ħadet ir-ritratti kif ukoll issiġillat l-oġġetti fejn Emman Xerri ffirma għall-affarijiet kollha elevati. Minn hemm, ħaduh Malta għal aktar investigazzjoni.

In kontroeżami xehed illi kien ilhom isegwuh minn April, però sa dakinhar li qabduh, qatt ma rawh jgħaddi jew ibigħ d-droga lil xi ħadd.

**Is-Surgent PS 715 Lucian Gatt** xehed illi l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga kienet irċeviet informazzjoni li Emman Xerri kien qed jittraffika d-droga kokaina ġewwa Għawdex. Kien ħareġ mandat ta' arrest u

tfittxija fil-konfront tiegħu. Fil-11 ta' Mejju 2019 kienu osservazzjoni fuq ir-residenza tiegħu, u rawh ħiereġ mal-partner tiegħu. Segwewh sejjer lejn id-direzzjoni tal-Imġarr, Għawdex. Huma pparkjaw ftit metri 'l bogħod mit-Tmun Restaurant fi Triq Martino Garces, Għajnsielem. Stennewhom joħorġu mill-vettura tagħhom, u hu flimkien ma' PC 138 marru fuqhom. Emman Xerri ħarab jiġri u PC 138 mar jiġri warajh fejn waqqfu ftit metri 'l bogħod. Fuqu kellu sitt (6) pakketti bi trab abjad suspettati kokaina. Kellu mobile phone u l-Karta tal-Identità tiegħu. Għamlu tfittxija fil-vettura fejn sabu tmien (8) pakketti oħra bi trab abjad suspettati kokaina. Marru r-residenza tiegħu ġewwa n-Nadur. Xħin daħlu, fuq il-mejda tal-kċina, kien hemm kaxxa tal-flus fejn iżomm il-flus ġo fiha. Kien fiha miżien diġitali li kien jaħdem, imqass, xafra, ħafna kantunieri tal-plastik, borża kbira bi trab abjad, għoxrin (20) pakketti żgħar bi trab abjad u sebgħa (7) oħra bi trab abjad ukoll. Ġol-kċina kien hemm ukoll mixer bi trab abjad. Kien hemm flixkun glutamine, miżien digitali ieħor li ma kienx jaħdem, u ħafna boroż tal-plastik ġodda. Ġod-dustbin sabu ħafna boroż tal-plastik bil-kantunieri nieqsa, u kien hemm ukoll żewġ wrapping tal-plastik, forma ta' kapsola, li dawn is-soltu jkun hemm id-droga ġo fihom. Kompla jixhed li fil-kamra tas-sodda prinċipali sabu żewġ pakketti oħra żgħar. Xehed illi waqt li kienu sejrin bl-imputat Malta, kien saqsieh kemm għandu tfal, u kemm għandu manteniment, u l-imputat irrispondieh "mhux bilfors! Irrid nagħmel xi ħaġa biex immantni". Xħin waslu d-depot, għadda kollox lil PS 891 Oscar Baldacchino.

In kontroeżami, xehed illi kien ilhom isegwuh mix-xahar ta' April. Flus sabu b'kollox forsi disa' mija jew elf [ewro], iżda ma elevawx flus. Spjega li l-imputat qal li għandu erbat itfal tiegħu, u ieħor jieħu ħsiebu hu.

**Sophie Mercieca**, wara li ġiet kawzjonata li tista' ma tirrispondix biex ma tinkriminax ruħha xehdet illi fit-12 ta' Mejju 2019, hi u l-partner tagħha, Emman Xerri, marru l-Imġarr għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00 AM), biex imorru Horatios. Kien qiegħed isuq Emman, u l-karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni SOF138 hija propjetà ta' missier it-tifla tagħha. Wara li pparkjaw, u malli ħarġu mill-karozza, tlitt irġiel ġew jiġru lejhom jgħajtu biex jieqfu. Wieħed minnhom qalilha li kienet arrestata. Staqsietu għaliex u ma rrispondihiex. Wara arrestaw lil Emman ukoll. Spjegat li dawn fittxew fil-vettura, u marru d-dar biex ifittxu wkoll. Id-dar hija Flat 1, Charese Court, Triq Dun Karlu Zimech, in-Nadur. Hi qagħdet bilqiegħda fil-living room, waqt illi saret it-tfittxija ma' Emman. Imbagħad arrestaw lil Emman, u ħaduh magħhom. Xehdet illi ma tafx x'instab, għax hi baqgħet fil-living room. Mistoqsija ta' min hi d-droga li nstabet, irrispondiet illi dik kienet ta' Emman.

In kontroeżami xehdet illi kienet taf illi Emman Xerri kellu problema ta' droga, u hija kienet ippruvat tgħinu, filwaqt li insistiet miegħu biex ifittex l-għajnuna. F'Diċembru hi kellha miscarriage [korriment] bit-

tewmin ta' Emman, u hu ħadha bi kbira, u l-affari marret għall-agħar. Xehdet illi hi kellha tmur għand it-tabib tagħha għall-antidepressants. Xehdet illi hi kien ilha f'relazzjoni ma' Emman Xerri għal seba' xhur, u qatt ma ratu jbigħ jew jagħti droga lil ħaddieħor.

Xehed **l-Ispettur Frank Anthony Tabone** fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2019. Xehed illi, wara informazzjoni li kellha l-Iskwadra Kontra d-Droga illi l-impuat qed jittraffika d-droga ġewwa Għawdex, kienet bdiet sorveljanza fuq Emman Xerri. Fil-ħdax ta' Mejju 2019 għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00 AM) Emman Xerri ġie nnotat ma' Sophie Mercieca jsuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni SOF138. Dawn ġew interċettati ġewwa l-Imġarr, Għawdex, fejn hemmhekk ġew arrestati. Saret tfittixija fuq il-persuna ta' Emman Xerri minn PS 715, PC 138 u PC 1384 fejn fil-pussess tiegħu nstabu sitt iqratas bi trab abjad suspettata kokaina. Kif ukoll mobile phone tal-għamla Samung kif ukoll karta tal-identità tal-istess Emman Xerri. Dawn l-oġġetti ġew issiġillati ġo borża tal-evidenza bin-numru S01493964; u wara ġew mgħoddija lill-istess xhud minn PS715, PC 138 u PC 1384. Il-borża tal-evidenza ġiet esibita u mmarkata bħala Dok. FT5. Sussegwentament saret tfittxija fil-vettura SOF 138 fejn ġew elevati tmint iqratas, li ġew issiġillati fil-preżenza ta' Emman Xerri ġo borża tal-evidenza bin-numru S01493965, u wara ġew mgħoddija lill-istess xhud. Il-borża tal-evidenza ġiet esibita u mmarkata bħala Dok. FT6. Sussegwentament, Emman Xerri ttieħed l-appartament fejn joqgħod Flat 1, Charese Court, Triq K. Zimech, in-Nadur, fejn ġew elevati ammont ta' boroż tal-plastik bil-kantunieri neqsin, żewġt iqratas oħra b'sustanza bajda suspettata droga kokaina, żewġ kapsoli vojta bi traċċi waħda minnhom ta' kulur roża, u ġew issiġillati wkoll fil-preżenza tal-imputat ġo borża tal-evidenza bin-numru S01493963, u wara ġew mgħoddija lill-istess xhud. Il-borża tal-evidenza ġiet esibita u mmarkata bħala Dok. FT7.

Minn ġewwa l-istess appartament ġiet elevata wkoll cash box li kien fih miżien diġitali, imqass, sikkina xafra, ammont ta' kantunieri tal-boroż tal-plastik, u kif ukoll borża daqsxejn imdaqqsa b'sustanza bajda suspettata droga kokaina, u kif ukoll fl-isess cash box kien hemm sebgħa u għoxrin qartas b'sustanza bajda suspettata kokaina. Dawn l-oġġetti ġew elevati fil-preżenza tal-imputat Emman Xerri, u ġew issiġillati ġo borża tal-evidenza bin-numru L00162772, li wara ġie mgħoddi lill-istess xhud. Il-borża tal-evidenza ġiet esibita u mmarkat bħala Dok. FT8.

Minn ġewwa l-istess residenza ġie elevat flixkun tal-Glutamine, mixer bi traċċi, kif ukoll miżien diġitali ieħor u ammont ta' boroż tal-plastik ġodda. Dawn l-oġġetti ġew elevati fil-preżenza tal-imputat Emman Xerri, u ġew issiġillati ġo borża tal-evidenza bin-numru L00162778, li wara ġie mgħoddi lill-istess xhud. Il-borża ta' evidenza ġiet esibita u mmarkata bħala Dok. FT9. Sussegwentament Emman Xerri ttieħed id-

depot tal-pulizija għal aktar stħarriġ, fejn ġie infurmat bid-drittijiet tiegħu, u kien ġie mistoqsi jekk kienx ġie mogħti ittra bid-drittijiet tiegħu fejn ikkonferma dan. L-Ispettur spjega li reġa' qara l-ittra bid-drittijiet tiegħu u spjegahomlu. Qabel l-interrogazzjoni Emman Xerri xtaq jikkonsulta mal-Avukat Dottor Paul Borg Olivier. Fil-fatti kkonsulta miegħu u l-Avukat kien preżenti waqt l-interrogazzjoni. L-Ispettur Frank Anthony Tabone ppreżenta l-istqarrija tal-imputat fejn hu kien interroga lill-imputat, u dan wara li huwa reġa' ngħata d-drittijiet tiegħu, u wara li kkonsulta mal-Avukat tiegħu u fil-preżenza tal-istess Avukat Dr Paul Borg Olivier, tant li anke ffirma dikjarazzjoni ta' rifjut. Jgħid li l-imputat kien għażel li ma jiffirmax l-istqarrija rilaxxata minnu. L-Ispettur Tabone wkoll ikkonferma l-istqarrija tal-imputat esibita in atti a fol 11 et seq. Id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lil PC 258 li kien xhud tal-istqarrija tal-imputat.

**Il-Perit Claude R. Mallia** ppreżenta rapport fejn preżenta pjanti tas-sit illi ġie indikat fejn kien interċettat l-imputat Emman Xerri, u jekk fil-qrib hemmx xi postijiet li jiffrekwentaw iż-żgħażagħ jew tfal. Sar ukoll il-kontroeżami tal-istess Perit.

**Jonathan Mizzi** ppreżenta r-rapport tiegħu fejn analizza mobile phone u SIM card.

**Gilbert Mercieca** xehed illi mid-dokumenti FT5, FT6, FT7, FT8 u FT9, ġew identifikati tlieta u erbgħin (43) qartas żgħir li kien fih trab abjad, kif ukoll borża daqsxejn akbar li kien fiha trab abjad ukoll. Meta sar l-analiżi fuq dan it-trab ġie kkonfermat li kien kokaina, u l-piż totali ta' dawn il-boroż iż-żgħar u l-borża l-kbira kien ta' ħamsa u tletin punt sebgħa tnejn grammi (35.72 grammi) u l-persentaġġ medja tal-kokaina fil-materjal kien ħamsa u għoxrin punt sitta erbgħa (25.64%), u ħamsa u għoxrin punt disgħa tnejn fil-mija (25.92%). Il-valur kien estimat għal elf, seba' mija u ħamsin ewro (€1,750). Ittieħdu wkoll xi kampjuni ta' residwi minn fuq l-affarijiet li kien hemm fid-dokumenti. Dan ir-residwu kien ukoll identifikat bħala kokaina, filwaqt illi f'dokument FT9 kien hemm bott li kien fih ammont sostanzjali ta' trab abjad, iżda dan it-trab kien negattiv għall-preżenza ta' sostanzi kkontrollati.

In kontroeżami, ikkonferma illi il-piż kollu tat-trab abjad kien ta' ħamsa u tletin gramma li minnu ħamsa u għoxrin fil-mija minnu hija kokaina. Dan peress illi skont hu l-kokaina pura fit-triq ma tmurx.

**PS 813 Clinton Vella** xehed illi fuq l-esibiti FT5, FT6, FT7, FT u FT9 ġew misjuba tlettax(13)-il importa diġitali, u esibixxa l-esebiti kollha flimkien mar-ritratti fuq CD tal-każ.

**L-Espert Joseph Mallia** stqarr li kien hemm impronti tajbin għall-fini ta' komparazzjoni u oħrajn li ma kinux. Waħda mill-impronti li kienet tajba għall-fini ta' komparazzjoni kienet taqbel mas-subgħa l-kbir tal-id ix-xellugija tal-imputat.

**Dr Michael Galea** bħala Psikologu Kliniku u tal-Familja ċċertifika li l-imputat kien qiegħed ifittex għajnuna professjonali minħabba passat afflitt mill-vizzju. Huwa missier ta' erbat itfal, li jgħixu mal-omm, però s-Sur Xerri għandu visiting rights li josservahom b'mod metikoluż. Kommess lejn it-tfal tiegħu u lejn l-obbligi tiegħu fil-konfront tagħhom. Dr Galea xehed li fl-opinjoni tiegħu, l-imputat huwa kommess illi jaħdem fuq l-issues tiegħu, li jaħdem għall-ġid tat-tfal tiegħu u huwa kommess li ma jerġax lura għat-triq li qabad fil-passat.

**Joanne Buhagiar Fiott** xehdet dwar il-progress li għamel l-imputat.

**Margaret De Dattista** xehdet li ma hemmx pendenzi ġudizzjarji speċjalment rigward droga fuq l-imputat Emman Xerri.

**L-Ispettur Keith Xerri** esibixxa il-fedina penali netta tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Permezz tal-ewwel (1) imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat bil-pussess tad-droga kokaina mhux għall-użu esklussiv tiegħu. Illi din il-Qorti għandha quddiemha l-verżjoni tal-Uffiċjali tal-Pulizija PC 138 Joseph Portelli, PC 1384 Felix Sammut, PS 715 Lucian Gatt u l-Ispettur Frank Anthony Tabone, li lkoll xehdu li meta fil-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), Joseph Portelli, Felix Sammut u Lucian Gatt waqqfu lill-imputat ġewwa l-Imġarr, u kienet saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu, fejn kienu nstabu sitt pakketti bi trab abjad suspettati kokaina fil-but ta' wara. Inoltre, ġew elevati qratas oħra mid-dar ta' residenza tal-imputat. Irriżulta wkoll li l-espert imqabbad mill-Qorti Gibert Mercieca rrapporta illi l-piż totali tat-trab tal-lewn abjad ġie identifikat bħala kokaina, b'piż totali ta' 35.72g. Il-persentaġġ medju ta' kokaina fil-materjal kien 25.64 u 25.92%, rispettivament, b'valur fis-suq estimat ta' €1,750.

Illi stante illi mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, jirriżulta ċar illi d-droga nstabet fuq il-persuna tal-imputat u/jew fid-dar residenzjali tiegħu, ġaladarba ġie pprovat illi s-sustanza misjuba hija fil-fatt id-droga kokaina, il-Qorti tqis li m'hemmx dubju li l-imputat kien fil-pussess tad-droga msemmija, ossia d-droga kokaina. Lanqas ma hemm dubju li l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokaina li nstabet ġewwa r-residenza tiegħu.

Stabbilit dan, dak li l-Qorti jeħtieġ li tiddeċiedi dwaru huwa jekk jirriżultax ippruvat fil-grad rikjest mill-liġi li l-pussess tad-droga kokaina daparti tal-imputat ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu. Kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Brian Caruana** deċiża fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002):-

*"..kull każ hu differenti mill-ieħor u jekk jirriżultawx iċ-ċirkostanzi li jwasslu lill-ġudikant għall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx għall-użu esklussiv tal-akkużat fl-aħħar mill-aħħar hija waħda li jrid jagħmilha il-ġudikant fuq il-fattispeċji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn iċ-ċirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konklużjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika u l-buon sens u bażata fuq il-fatti , ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli."*

Il-Qorti tqis li l-ammont ta' droga kokaina misjuba fuq il-persuna tal-imputat, li kien dak ta' tnejn punt erbgħa (2.4) grammi ta' kokaina, hekk kif kien barra mir-residenza tiegħu, ma huwiex ammont insinifikanti, u lanqas ma huwa wieħed li normalment jiġi assoċjat ma' użu personali fl-istess lejl. Il-Qorti tqis ukoll li d-droga kokaina li nstabet fil-pussess tal-imputat kienet imqassma f'sitt ammonti iżgħar, li kienu mqassmin f'sitt sachets, li kienu fil-but ta' wara tal-imputat. Barra minn dan, fil-vettura li biha l-imputat kien wasal l-Imġarr, Għawdex, minuti qabel ma ġie arrestat, instabet droga kokaina mqassma f'sachets. L-istess fir-residenza tal-imputat instab ammont sostanzjali ta' droga kokaina, imqassma f'boroż tal-plastik żgħar kontenenti trab abjad kif ukoll instabet borża ikbar kontenenti droga kokaina. Fir-rigward, il-Qorti tqis ukoll illi minkejja li jirriżulta mill-atti li l-imputat kien dipendenti fuq id-droga fiż-żmien tal-każ odjern, dan ma jservix ta' ġustifikazzjoni, imqar sal-grad tal-probabbli, li l-ammont tad-droga misjuba fil-pussess tiegħu kienet intiża għalih.

Il-Qorti qieset ukoll li fir-residenza tal-imputat instabu wkoll ammont ta' boroż tal-plastik illi kienu għadhom ġodda, u diversi biċċiet minn boroż tal-plastik u karti, miżien, imqass, xafra u sikkina.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li l-ewwel imputazzjoni għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħdax (11) ta' Mejju 2019 ġiet ampjament ippruvata, u pie ppruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li tali droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tal-imputat.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi inflitta fil-konfront tal-imputat, din il-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom il-fedina penali aġġornata tal-imputat, in-natura tal-imputazzjoni li tagħha qiegħed jinstab ħati, l-ammont ta' droga misjuba u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Tqis ukoll li din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, u li l-imputat kien ġie riferut quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, kif ukoll il-fatt li l-Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat u għalaq il-każ tiegħu b'suċċess. Tqis ukoll li l-imputat kellu problema ta' dipendenza fuq id-droga.

Għalhekk tenut kont li din il-Qorti hija sodisfatta li jirriżulta l-kriterju msemmi fl-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ai termini tal-istess sub-artikolu, tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija, jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation, jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija, li huma altrimenti applikabbli għar-reat ta' pussess aggravat tad-droga li tiegħu qiegħed jinstab ħati l-imputat.

## DECIDE

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat it-Taqsima IV u VI, l-Artikoli 8(d), 22(1)(a)(1B) u 22(2)(b)(i)(ii) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti erbgħa (4) u disgħa (9) tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 4A u 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament Mhux Priġunerija) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikoli 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni stante li din ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni, filwaqt li ssib lill-imputat Emman Xerri ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u dan b'referenza biss għall-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) [filwaqt li qed tilliberah minn din l-imputazzjoni inkwantu tirrigwarda x-xhur ta' qabel id-data tal-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019)] u qiegħda tikkundannah għall-piena ta' tnax(12)-il xahar priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikou 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiġi sospiża għal żmien sentejn (2) snin mil-lum, kif ukoll multa ta' elf ewro (€1,000).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tikkundanna lill-ħati jħallas is-somma ta' mitejn u erbgħa u għoxrin ewro u erbatax-il ċenteżmu tal-ewro (€224.14ċ) rappreżentanti l-ispejjeż inkonnessjoni mal-ħatra tal-espert Perit Claude R. Mallia, tliet mija tmienja u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€348.50ċ) rappreżentanti l-ispejjeż inkonnessjoni mal-ħatra tal-espert Jonathan Mizzi, elf, mija u ħamsin ewro u ħamsin ċenteżmu (€1,150.50ċ) rappreżentanti l-ispejjeż inkonnessjoni mal-ħatra tal-espert Gilbert Mercieca, tliet mija tmienja u ħamsin ewro u tnax-il ċenteżmu (€358.12ċ) rappreżentanti l-ispejjeż inkonnessjoni mal-ħatra tal-espert Clinton Vella, u seba' mija disgħa u disgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€799.73ċ) rappreżentanti l-ispejjeż inkonnessjoni mal-ħatra tal-espert Joseph Mallia fi żmien tliet xhur mil-lum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed inkonsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) għal Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esibita, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirredieġi proċess-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi inserit fl-atti ta' din il-kawża sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża hawn fuq indikat.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**